PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru,1999.

Numru 59

Citaz. Nru 210/95 DS

Mark Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Waterproof-IT LtdXuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gevimida Ltd.

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Frar 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Il-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm693.20 bilanc ta somma akbar prezz ta' diversi xogholijiet esegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Il-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali huwa xorta wahda baqa' inadempjenti.
lil din il-Qorti, in vista tal-premess, li:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tlieta w disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm693.20) bilanc ta' somma akbar prezz ta' diversi xogholijiet esegwiti mill-istess attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u imghax legali kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Settembru 1994, tal-21 ta' Ottubru 1994 u tal-ittra giudizzjarja ta' Ottubru 1994 kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal illi t-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-qisien li fuqhom gie kkalkolat il-kont mhumiex precizi u korrenti, u in oltre rrizulta lill-eccipjent li x-xoghol ma giex esegwit skond ma tirrikjedi s-sengha u l-arti u ghal dan in-nuqqas u danni konsegwenzjali, l-eccipjent qed jipprocedi presenzjalment.

Salvi eccezzjonijiet ohra.it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut nomine fejn wara li ppremetta illi:

Mark Debono ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Waterproof-it Limited gie inkarigat mill-perit Joseph Xuereb ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Gevimida Limited jaghmel xi xogholijiet kif deskritti u bil-prezzijiet li huma ndikati fl-anness Dok.A; u bil-kundizzjoni ta' garanzija ta' adesjoni tal-kisi mal-bini;

Il-partijiet ma qablux fuq il-qisien, tant li skond il-kommittent il-kont kellu jkun ta' Lm1248.03, mentri skond is-socjeta' li hadet l-appalt il-kont kellu jkun ta' elf tlett mija tlieta u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1393.20)

Mhux kontestat bejn il-partijiet li s-socjeta' kommittenti halset is-somma ta' Lm700 akkont;

Kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, gew skoperti varji bnadi fix-xoghol fejn il-kisi ma giex esegwit skond il-ftehim;

B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas, is-socjeta kommittenti soffriet danni, kif ser jigi ppruvat, u ghalhekk l-ebda bilanc ma hu minnha dovut;
lil din il-Qorti in vista tal-premess li:
1. Tiddikjara li x-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta ma sarx skond il-ftehim u kif tirrikjedi s-sengha u l-arti;

Okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi u fic-cirkostanzi tiddikjara li l-ebda bilanc mhu dovut lis-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta b'konsegwenza tal-inadempjenza tas-socjeta' attrici;

3. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta d-danni likwidati skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attur nomine ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghat-talba rikovenzjonali tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol li l-esponenti gie nkarigat jesegwixxi gie in effett esegwit skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u kwindi m'hemm ebda kwistjoni ta' danni kif qed jallega l-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 1995 fejn gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku kemm fir-rigward tal-azzjoni attrici kif ukoll fir-rigward tal-kontro-talba;

Rat ir-rikors ta' l-attur nomine tad-19 ta' Frar 1996 fejn talab li jkun awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-klawzola ghall-garanzija ta' adezjoni tal-kisi kif din kienet tinstab fil-ftehim ta' bejn il-partijiet kienet wahda impossibbli skond l-artikolu 1054 tal-Kap 16 u konsegwentement ma kenitx tiswa, u d-digriet ta' l-4 ta' Marzu 1996 fejn gie awtorizzat jipprezenta tali eccezzjoni ulterjuri.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku mahlufa fl-4 ta' Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

F'dawn il-proceduri xehdu l-attur nomine u l-konvenut nomine:

Il-Provi.

L-attur nomine xehed li hu kien gie inkarigat mill-konvenut nomine sabiex jaghmel xoghol ta' kisi fil-gibja, kif ukoll fil-balance tank u fis-swimming pool.  Spjega li kien uza prodott tal-CMP maghruf bl-isem 'Cembond' bhala bonding agent kull fejn il-konvenut nomine kien indikalu li kellu jsir ix-xoghol.

Originarjament, l-ilment tal-konvenut nomine meta nbaghat il-kont mill-attur nomine kien fis-sens li ma kienx qabel mal-kejl.  L-attur nomine spjega li hu stess kien kejjel ix-xoghol peress li bhala quantity surveyor hu kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol.  Wara li x-xoghol tkejjel miz-zewg partijiet flimkien, l-attur nomine kien rega' hareg l-istess kont b'dana li l-konvenut nomine ma kienx accettah.  Ix-xoghol kien gie mkejjel ukoll mill-AIC Godwin Aquilina u dan wasal ghall-istess kuntegg.  L-attur nomine rega' ghal darb'ohra hareg il-kont abbazi tal-kejl ta' dak il-perit arkitett.

L-attur nomine stqarr li hu kellu erba plasterers jahdmu mieghu fuq ix-xoghol rikjest mill-konvenut nomine, stante li dawn mhux necessarjament kienu jahdmu flimkien fl-istess hin.  Hu kompla jghid li kull difett li l-konvenut nomine kien jinnota meta dan kien jaccedi fuq il-post fejn kienu qeghdin isiru x-xogholijiet, kien jigi trangat dak il-hin stess.  Fil-fatt il-konvenut nomine qatt ma kien ilmenta dwar ix-xoghol hlief wara certu zmien.

Fir-rigward tal-hoss li kien jaghmel il-kisi, dan kien ivarja minn post ghal iehor bhala konsegwenza tal-hxuna tieghu.  L-attur nomine kkonferma li kien hemm xi bnadi fejn kien hemm xi toqob u li dawn qabel xejn kellhom jigu mimlija bil-konkos.

Fuq domanda tal-perit tekniku dwar xi rizerva li setghet ghamlet il-kumpanija li kienet immanifatturat il-kimika 'Cembond' fir-rigward ta' dak il-prodott, l-attur nomine rrisponda li hu ma kienx jaf jekk fil-fatt kienx hemm tali rizerva.  Pero' hu stqarr li qatt ma kellu lmenti fir-rigward taghha fil-passat.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-uzu tal-kimika, l-attur nomine spjega li preliminarjament kellu jinzebagh il-lok fejn kellu jigi applikat il-kisi. Imbaghad il-kimika kienet tigi wkoll imhallta mall-kisi stess.  L-attur

nomine qal li t-tahlita kienet issir f'tank ta' 45 gallun izda ma setax ighid bl-amment x'kienet il-proporzjoni tat-tahlita peress li kienu juzaw kimici ohra.

Hu spjega wkoll li ma kienx hu personalment li applika l-kisi, ghalkemm hu kien ikun prezenti fuq il-post tax-xoghol f'diversi hinijiet.

Fl-ahharnett l-attur nomine kkonferma l-garanzija ta' l-adezjoni tal-kisi li kien ghamel.

Il-konvenut nomine xehed li fuq talba tieghu ghal kwotazzjoni ta' prezzijiet, kienu gew kwotati lilu dawk il-prezzijiet elenkati f'Dok. A.  F'dik l-istess stima li nghatatlu, kien hemm inkluz it-tahlit tal-kimika copolymer  mat-tajn tal-kisi.  Din kienet necessarja sabiex l-attur nomine jevita milli jonqox l-ucuh ghall-fini tal-adezjoni.  Peress li l-konvenut nomine ried il-garanzija ta' l-adezjoni tal-kisi, din kienet tnizzlet fl-istess Dok. A diga' msemmi.

Il-kisi sussegwentement kien sar u dan fuq ucuh tal-konkos li kien hemm milhuqa mix-xemx, kif ukoll dawk mhux milhuqa mix-xemx bhall-gwiebi. Matul il-prosegwiment tax-xoghol, il-konvenut nomine stqarr li hu kien hallas Lm700.  Izda meta' l-attur nomine baghat il-kont finali ta' Lm1399, hu sab diskrepanza ta' Lm145.17 bejn il-kejl tieghu u dak ta' l-attur nomine u ghalkemm ix-xoghol rega tkejjel mill-gdid, xorta wahda kien ghad baqa' diskrepanza.

Peress li ghall-ewwel ix-xoghol kien jidher soddisfacjenti, il-konvenut nomine kien offra pagament ta' Lm538.92 ghas-saldu ta' dak dovut, izda dan kien gie rrifjutat mill-attur nomine.  Hekk kif beda jghaddi z-zmien, il-konvenut nomine stqarr li l-kisi beda jaqta' u ghalhekk hu kien talab lill-attur nomine diversi drabi sabiex dan jirrimedja s-sitwazzjoni.  Dan qatt ma sar u sussegwentement l-attur nomine kien fetahlu l-kawza odjerna.  Il-konvenut nomine spjega li hu ma kienx hallas l-ammont pretiz sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni rizultanti mix-xoghol difettuz, f'liema ammont kien hemm ukoll inkluz id-diskrepanza bejn iz-zewg kontijiet rispettivi taghhom.

Il-konvenut nomine ddikjara li l-wicc totali ta' kisi kien jammonta ghal cirka 421 metri kwadri li minnhom cirka 11 il-metri kwadri kien irrizultaw difettuzi sad-data tal-access.

In kontro-ezami l-konvenut nomine qal li l-gibja kienet fil-frattemp imtliet bl-ilma izda din naqset b'madwar erba' pulzieri u dan minghajr ma ntuzat.

Pero' skond kif kompla jispjega l-konvenut nomine, ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-water tightness tal-gibja u tal-pixxina u dak li ghadu kif kien qal dwar l-ilma fil-gibja ma kellux rilevanza ghall-allegata hsara.

Waqt li nzamm l-access fis-16 ta' Settembru 1995, il-perit tekniku dahal fil-gibja sabiex jispezzjona x-xoghol in kwistjoni. Hekk kif accerta ruhu dwar l-irqajja fejn kien hemm nuqqas ta' adezjoni, hu ordna li l-kisi f'zewg bnadi diversi jigi miksur sabiex jistabilixxi r-raguni ghad-damdim, cioe' jekk dan kienx dovut ghall-konkos ta' taht jew ghall-istess kisi.

Imbaghad il-perit tekniku ghadda sabiex ha l-qisien tal-gibja ghall-fini tal-kalkolazzjoni tal-kont finali, kif ukoll gibed erba ritratti.

Waqt access iehor fis-7 ta' Ottubru 1995 gew imkejla l-irqajja fl-art u fuq xi hitan fejn kien irrizulta damdim.

Ir-Relazzjoni teknika tal-Perit Tekniku Joseph M. Jaccarini.

Osservazzjonijiet

Miz-zewg accessi li zamm il-perit tekniku, kien irrizulta li l-kontestazzjoni fil-qisien bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-gibja l-kbira li kellha tintuza ghall-hazna ta' l-ilma ghall-uzu gewwa l-pixxina. Waqt dawk l-accessi hu kkonferma wkoll li l-kisi ta' l-art u tal-hitan sal-livell ta' l-ilma kellu jithallas bil-Lm2.50 kull metru kwadru u dak 'l fuq mill-livell ta' l-ilma bil-Lm1.50 kull metru kwadru u dan kif kien jirrizulta mill-kont stess ta' l-attur nomine Dok. SX1. Peress illi l-gibja ma kelliex is-saqaf taghha livell, allura parti minnu li kien ser imiss ma l-ilma kellu wkoll jithallas bir-rata ta' Lm2.50 kull metru kwadru.

Il-perit osserva wkoll li l-gibja kellha dhul minn manhole zghira fuq il-genb taghha u hi stess kienet maqsuma fi tliet partijiet permezz ta' hitan ta' hdax il-pulzier hxuna. L-istess hitan kellhom fetha f'kull wiehed minnhom (ara ritratti esebiti fir-relazzjoni peritali).

Abbazi ta' dan, il-perit tekniku wasal ghas-segwenti kejl:

a. il-kejl superficjali tal-partijiet tal-gibja taht l-ilma li jithallsu bir-rata ta' Lm2.50 kull metru kwadru, 181.614 m.k.

b. il-kejl superficjali tal-partijiet tal-gibja 'l fuq mil-livell ta' l-ilma li jithallsu bir-rata ta' Lm1.50 kull metru kwadru, 35.021 m.k.

Ghal dak li jirrigwarda s-sittax il-roqgha fl-art u d-disa' rqajja ma l-art fil-gibja, il-perit tekniku kien tal-fehma li wiehed ghandu jikkunsidrahom taht l-ilma u ammontanti ghal-3.55 metri kwadri jew 1.95% tal-kejl totali tal-kisi fil-gibja. Ghalhekk kien hemm adezjoni ta' 98.05% tax-xoghol u tikkonferma dak li qal il-konvenut nomine fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-attur nomine tad-19 ta' Frar 1996, l-attur stess esegwixxa l-parti l-kbira tal-kisi b'adezjoni verament tajba, u kontradittorjament ghal dak li ntqal fil-kontro-talba tieghu.

Il-perit tekniku mbaghad zied ighid li 1.63% (3.55 m.k. fuq 216.636 m.k.) ta' xoghol difettuz fuq l-items mnizzla fil-kont ma kienx jaghti lok ghal konsiderazzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut. Ghalkemm l-irqajja kienu jaghtu hoss ta' damdim meta gew ezaminati b'mazza, kien difficli li jinkiser il-kisi. Skond il-perit tekniku, dan kien wiehed b'sahhtu u kien biss il-fatt li l-attur nomine kellu jimla' xi partijiet bil-konkos sabiex jinvella l-wicc li seta' ta' lok ghad-damdim peress li dan ma kienx izzewweg tajjeb mal-konkos ta' tahtu. Dan pero' illi meta wahda minn tali rqajja giet ezaminata, l-ebda damdim ma kien jirrizulta.

Fir-rigward tal-garanzija ta' l-adezjoni maghmula mill-attur nomine, il-perit tekniku kkonstata li dan ghamilha fua l-esperjenza tieghu. Izda dan imissu halla rizerva ghaliex anke l-istess ditta li tipproducih fil-fuljett taghha tispjega li s-CEMBOND kien tajjeb ' for patching work on concrete surface to give BETTER adhesion ' u dan fil-fehma tal-perit tekniku ghamlitu ghaliex din ma tikkonsidrax 100% adezjoni. Inoltre, peress li x-xoghol kien qed jigi maghmul mill-impjegati tieghu, l-attur nomine ma setax jaghmel garanzija ghal xoghol maghmul minn terzi. Anke jekk ix-xoghol kien ser isir mill-attur nomine, dan ukoll ma messux ta l-garanzija ta' adezjoni totali abbazi tal-possibilita' tal-presenza ta' diversi fatturi li kienu jaghmlu l-adezjoni mpossibli.

Abbazi tal-kalkoli tieghu, il-perit tekniku kkonstata li s-somma dovuta ghax-xoghol fil-gibja kellha tkun Lm506.57 li minnha kellu jitnaqqas l-ammont ta' Lm62, kejl ta' partijiet difettuzi (inkluzi z-zieda ta' 25% sabiex jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-irqajja jikbru bix-xoghol). Dan il-perit tekniku qalu 'minkejja l-osservazzjonijiet li ghamel l-esponenti, u fin-nuqqas ta' l-

interpretazzjoni tal-Artikolu 1054'. Imbaghad wiehed ghandu jzid il-valur tax-xoghol mhux kontestat cioe' Lm212.25 li jhalli bilanc ta' Lm657.32.

Il-perit tekniku huwa tal-fehma li d-damdim li fuqu kienet ibbazata l-kontestazzjoni tal-konvenut nomine ma kienx dovut ghax-xoghol hazin ta' kisi izda minhabba l-possibilita' li l-konkos ta' tahtu seta' nqata' mis-saf ta' tahtu li fuqu tpogga l-istess konkos. Minkejja dan u fin-nuqqas ta' l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 1054 tal-Kap 16, il-perit tekniku ha in konsiderazzjoni l-garanzija moghtija mill-attur nomine u ghalhekk naqqas l-ammont dovut ghall-irqajja li kienu nstabu jdamdmu. B'hekk hu wasal ghas-somma ta' Lm657.32 dovuta lill-attur nomine.

Filwaqt li tikkonkludi li t-talba attrici kellha tigi akkolta, b'dana li kellu jsir tnaqqis ghax-xoghol difettuz, il-kontro-talba tal-konvenut nomine kellha tigi michuda. Kompla jispjega mbaghad li tenut kont ta' dak stess li qal il-konvenut illi 2.61% tax-xoghol kien difettuz, dan il-persentagg ma kienx jikkwalifika dak ix-xoghol bhala wiehed difettuz li tieghu wiehed seta' jikkonsidra u jikkwantifika danni kif mitlub.

Konsiderazzjonijiet

1. L-attur nomine qed jippretendi hlas minghand il-konvenut nomine fl-ammont ta' Lm693.20 u dan bhala bilanc ta' ammont akbar dovut lilu ghax-xoghol esegwit skond ftehim ta' bejniethom. Fir-rigward tal-kontro-talba pprezentata mill-konvenut nomine, l-attur nomine eccepixxa li x-xoghol kien fil-fatt sar skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti. Waqt il-kawza l-attur nomine gie awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri izda jidher li dan qatt ma ghamlu formalment.

2. Il-konvenut nomine min-naha tieghu eccepixxa li:

a. il-qisien tax-xoghol ezegwit ma kinux precizi
b. ix-xoghol innifsu ma kienx gie ezegwit skond is-sengha u l-ati u ghalhekk ipprezenta kontro-talba sabiex jigu likwidati u mhallsa d-danni lilu mill-attur nomine
Fir-rigward ta' l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-attur nomine, il-konvenut nomine fir-risposta tieghu qal li galadarba kien hemm adezjoni tal-kisi fil-parti l-kbira tax-xoghol, allura l-garanzija moghtija mill-attur nomine ma kienitx wahda mpossibli u ghalhekk valida skond il-ligi.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-qisien tax-xoghol ta' kisi ezegwit mill-attur nomine, l-konvenut nomine fis-seduta tat-28 ta' Novembru 1996, (ara fol. 48) xehed li hu kien sab diskrepanza ta' Lm145.17 u dan wara li kien hallas Lm700 fuq is-somma ta' Lm1399.00. Qabel xejn, jinghad li, kif sewwa rritjena l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, is-somma finali tal-kont kienet ta' Lm1436.17 (ara Dok. JX1 a fol 51). Jigi osservat li s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja dak li kienet qeghda tghid fir-rigward ta' qisien imprecizi u skorretti.

4. Ghalhekk il-perit tekniku, wara li kien stabilixxa waqt l-accessi li zamm

a. x'kienet tirrigwarda ezattament il-kontestazzjoni tal-kont da parti tal-konvenut nomine, cioe' l-qisien tax-xoghol ta' kisi maghmul filgibja l-kbira fil-fond tal-konvenut nomine.
b. Ir-rati li bihom kellu jithallas l-attur nomine, cioe' Lm2.50 k.m.k. ghax-xoghol ta' kisi sal-livell ta' l-ilma u Lm1.50 k.m.k. ghax-xoghol ta' kisi 'l fuq mill-livell ta' l-ilma, u dawn kif kienu jirrizultaw ukoll mill-kont mahrug mill-attur nomine a fol. 51; u
c. Il-qisien u n-notamenti rilevanti

dan ghadda sabiex hadem l-ammont ghal dak ix-xoghol ta' kisi fl-ammont ta' Lm506.57.

5. Issa l-perit tekniku qal ukoll li skond il-kont a fol 51, l-ammonti ndikati taht 1 (III) u 4 (III) fl-ammont komplessiv ta' Lm523.42 kienu qeghdin jigu kkontestati mill-konvenut nomine. Allura kif allega l-konvenut nomine, jirrizulta diskrepanza bejn dak l-ammont rikjest u dak l-ammont verament dovut ghax-xoghol ta' kisi ezegwit liema ammont hu ta' Lm16.85 u mhux Lm145.17 kif allegat mill-konvenut nomine fix-xhieda tieghu tas-seduta fuq imsemmija a fol 49, ammont li hu mehud fil-konfront tal-kont totali.

6. Dwar l-eccezzjoni ulterjuri li l-attur nomine gie awtorizzat jipprezenta ma jirrizultax li din l-eccezzjoni giet formalment prezentata u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghtiha konsiderazzjoni bhala tali. Jigi osservat pero' ghal kull bwon fini li mir-rizultanzi jidher li ghalkemm tali garanzija ma messitx nghatat peress li, kif isostni l-perit tekniku:

- lanqas id-ditta li timmanifattura s-Cembond ma kienet taghti tali garanzija,

- ix-xoghol kellu jsir minn terzi impjegati ta' l-attur nomine u mhux minnu personalment, u
- hemm diversi fatturi bhal "naterjal depozitat fuq il-wicc li jkun sejjer jinkesa, l-ageing tal-wicc fejn ikun sejjer isir il-kisi, tahlita nieqsa mill-ingredjenti wzati ghall-kisi, cement u ramel, fil-proporzjon zbaljat" li jistghu jkunu ta' ostakolu,

jidher li fil-fatt kien hemm adezjoni kompleta tal-kisi ta' l-istruttura u ghalhekk il-garanzija ma kenitx kondizzjoni impossibbli.

7. Dan wassal lill-perit tekniku biex jillikwida ammont ghax-xoghol li seta' jitqies difettuz u li kellu jsir mill-gdid, l-ammont ta' Lm62 ghal areja totali ta' 4.44 m.k. Meta wiehed iqis dan fid-dawl ta' l-appalt kollu involut ma jistax iqis dan hlief bhala de minimis u li ma jistax jinghad li x-xoghol kollu ma sarx skond is-sengha u l-arti. Il-principji li rrefera ghalihom il-konvenut nomine fin-nota ta' kritika tieghu ma jistghux jitqiesu applikabbli ghall-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet attrici, mill-kontro-talba tal-konvenut nomine u mill-eccezzjonijiet rispettivi tal-kontendenti billi tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm657.32. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut nomine.

Grazio Galea
D/Registratur